**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 29 ta' Mejju, 2019**

Numru 11

**Rikors Guramentat Nru. 652/2015**

**AIS Environment Ltd**

**vs**

**Is-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tas-6 ta' Lulju, 2015 li jghid hekk:

1. Illi fit-3 ta' Gunju 2014, is-socjeta rikorrenti AIS Environment Ltd (CI8445) dahlet f'kuntratt mad-Direttur Generali tal-Kuntratti ghan-nom tal-Awtorita ghat- Trasport f'Malta (iktar 'l quddiem maghrufa ukoll bhala "Transport Malta") fir-rigward tat-tender moghti lilha bl-isem ta' Tender for Archaeological & Environmental Monitoring & Investigation Services for the Coast Road Project (NA8 to Commonwealth Cemetery) - iktar 'l quddiem maghruf bhala "Kuntratt CT 3040/2013";

2. Illi s-servizzi rikjesti mis-socjeta rikorrenti ai termini ta' dan il-kuntratt huma dawk li jkopru l-obbligazzjonijiet ta' Transport Malta fir-rigward tal-Operational Monitoring Team (OMT) u tal-investigazzjonijiet u monitoragg ambjentali u arkeologiku rikjesti mill-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (iktar 'l quddiem maghrufa ukoll bhala "MEPA") fil-permessi mahruga lill-istess Transport Malta bin-numri PA 03758/09 u PA 03883/08;

3. Illi skond il-Kuntratt CT 3040/2013, responsabbli ghall-monitoragg arkeologiku kien hemm il-Key Expert Archaeological Monitor Edward Calleja. Dan il-key expert kien gie approvat specifikament mis-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali, ghax hekk kien mehtieg skont l-istess kuntratt, fir-rigward tal-Key Expert Archaeological Monitor qabel ma beda jigi ezegwit il-Kuntratt CT 3040/2013. L-istess Edward Calleja

huwa arkejologu lawrejat regolat mis-Sovritendenza tal-Patrirnonju Kulturali ai termini tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali (Kap. 445 tal-Ligijiet ta' Malta) u registrat maghha bhala persuna Ii tista' taghti servizzi relatati mal-patrimonju kulturali (ara Iista ta' dawn il-persuni annessa bhala Dok. A - aggornata sat-2 ta' Gunju 2015);

4. Illi fl-ewwel gimghat ta' Ottubru, Edward Calleja dahal f'diskussjonijiet mas-socjeta rikorrenti dwar l-intenzjoni tieghu li jirrizenja u jaqbad xoghol ghal rasu. Sussegwentement huwa nforma lis-socjeta rikorrenti li l-ahhar gurnata ta' xoghol tieghu kienet ser tkun dik tal-31 ta' Ottubru 2014;

5. Illi s-socjeta rikorrenti infurmat lil Transport Malta bir-rizenja imminenti ta' Edward Calleja u bis-sostituta proposta minnha, certu Marian Rosado, persuna kapacissima u li kellha l-kwalifici kollha mehtiega skond il-Kuntratt CT 3040/2013, tissostwixxi lill-istess Edward Calleja bhala l-Key Expert Archaeological Monitor mill-1 ta' Novembru 2014 'l quddiem. L-istess Marian Rosado hija arkejologa lawrejata regolata mis-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali ai termini tal-Kap. 445 tal-Ligijiet ta' Malta u registrata maghha bhala persuna li tista' taghti servizi relatati mal-patrimonju kulturali (ara Dok. A);

6. Illi s-Sovritendenza intimata giet ukoll infurmata b'din il-bidla proposta u min-naha taghha din infurmat lis-socjeta rikorrenti illi filwaqt li hija kienet qed tapprova lil Marian Rosado madanakollu s-socjeta rikorrenti kellha tistenna l-kunsens formali minn Transport Malta qabel mal-istess Marian Rosado tkun tista' tibda x-xoghol taghha;

7. Illi fil-5 ta' Novembru 2014, Transport Malta infurmat lis-socjeta rikorrenti illi b'effett immedjat hija kienet qed tissospendi ghal zmien tletin (30) gurnata il-Kuntratt CT 3040/2013 u dan ghaliex skond hi s-socjeta rikorrenti kienet wettqet prima facie ksur kuntrattwali. Is-socjeta rikorrenti kienet pront irrabattiet ghal dawn l-allegazzjonijiet infondati;

8. Illi s-socjeta rikorrenti ma kienetx f'posizzjoni li tkompli bit-monitoragg arkeologiku peress illi, Marian Rosado, cioe l-persuna proposta mis-socjeta rikorrenti sa mill-24 ta' Ottubru 2014 sabiex tissostwixxi lit Edward Calleja, kienet (u ghadha sal-gurnata tal-lum) ghadha ma gietx approvata minn Transport Malta ghalkemm kienet giet approvata informalment mis-Sovritendenza intimata, liema approvazzjoni kienet ukoll giet komunikata lil Transport Malta. Ta' min jghid ukoll illi fin-nuqqas ta' approvazzjoni minn Transport Malta, mill-31 ta' Ottubru 2014 'l quddiem ix-xoghlijiet ta' zvilupp kellhom jieqfu fin-nuqqas ta' Key Expert Archaeological Monitor inkella kien ikun hemm ksur serju tal-kundizzjonijiet imposti fuqhom mill-MEPA skond il-permessi relattivi;

9. Illi madanakollu s-sitwazzjoni wara l-31 ta' Ottubru 2014 kienet dik illi x-xoghlijiet fil-Coast Road baqghu ghaddejin minkejja li ma' kienx hemm Key Expert Archaeological Monitor fuq il-post u minkejja li Transport Malta kienet ilha gimgha infurmata bir-rizenja imminenti ta' Edward Calleja u bis-sostituzzjoni proposta ta' Marian Rosado;

10. Illi minn informazzjoni li ghandha s-socjeta rikorrenti jidher illi f'xi granet wara l-31 ta' Ottubru 2014, waqt li kienu qeghdin isiru xoghlijiet ta' clearing works f'zona li tigi 'il

barra mill-Programme of Works u Method Statements relattivi inkixfet dik li ghall-kuntrattur/i prezenti dehret li kienet qisa hofra jew mina zghira fl-art. Ta' min jghid li dawn ix-xoghlijiet ta' clearing works f'zona li kienet tinkludi ukoll skoperta arkeologika ohra (li kienet giet skoperta izjed qabel) ma kienux gew approvati mis-Sovritendenza intimata pero apparentament gew approvati minn Transport Malta. F'dak l-istadju pero kien krucjali illi x-xoghlijiet kollha jieqfu peress illi ma kienx hemm Key Expert Archaeological Monitor approvat sabiex ikun fuq is-sit u peress ukoll illi ma kienx hemm l-awtorizazzjoni mehtiega mis-Sovritendenza intimata. Il-fatt biss li tkomplew ix-xoghlijiet f'tali cirkustanzi kien jikkonsisti f’nuqqas serjissimu min-naha ta' Transport Malta u fi ksur serju tal-kundizzjonijiet tal-permessi PA 03758/09 u PA 03883/08 imposti mill-MEPA fuq Transport Malta;

11. Illi sadanittant la s-Sovritendenza intimata, la l-MEPA u lanqas is-socjeta rikorrenti ma kienu gew infurmati bis-sejba ta' din il-hofra mill-kuntratturi u dan wisq probabbli ghaliex f'dak l-istadju l-kuntrattur ma setax jinduna bl-importanza arkeologika tal-istess hofra;

12. Illi minkejja li s-socjeta rikorrenti ma kelliex (u ghad ma ghandhiex) Key Expert Archaeological Monitor approvat minn Transport Malta, hija xorta wahda kienet fil-5 jew 6 ta' Novembru 2014, minghajr obbligazzjoni baghtet lil Marian Rosado, sabiex tara x-xoghol li kien ghaddej fiz-zona in kwistjoni, u kienet proprju Marian Rosado li xxukkjat ruhha meta rat b'ghajnejha stess illi mhux talli kienet inkixfet skoperta ta' valur arkeologiku (hekk imsejjha fougasse) izda sahansitra din kienet tnaddfet minghajr l-awtorizazzjoni u minghajr ma' kienu gew osservati l-proceduri rikjesti skond l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali (Kap. 445 tal-Ligijiet ta' Malta). Ghaldaqstant l-istess Marian Rosado innotifikat minnufih lis-Sovritendenza intimata bl-istess sejba u bix-xoghlijiet li kienu saru minghajr permess;

a. Illi wara xi ftit granet, u cioe fil-11 ta' Novembru 2014, Transport Malta infurmat lis-socjeta rikorrenti illi s-Sovritendenza intimata kienet harget direttiva sabiex la Marian Rosado u lanqas Edward Calleja (li fi kwalunkwe kaz ma' kienx ghadu impjegat taghha) ma jkunu prezenti fuq is-sit. Konferma ta' din id-direttiva giet mis-Sovritendenza intimata nnifisha f'ittra li hija baghtet lis-socjeta rikorrenti datata 27 ta' Novembru 2014 (kopja annessa u mmarkata bhala Dok. B) li fiha nfurmatha inter alia illi "the Superintendence ... ordered the suspension of the archaeology monitors". Ghalkemm l-ittra kienet tinkludi stedina sabiex is-socjeta rikorrenti taghti l-verzjoni taghha bil-miktub (ara risposta annnessa bhala Dok. C), din fl-ebda stadju ma kienet involuta fl-investigazzjonijiet opportuni, ma nghatat l-ebda ragunijiet ghal din id-direttiva u sal-gurnata tal-lum is-socjeta rikorrenti thalliet fil-aghma dwar din is-suppost direttiva u r-ragunijiet warajha. Madanakollu ghal kull bwon fini l-intimata kienet giet infurmata mill-bidu nett illi la s-socjeta rikorrenti u lanqas l-arkejologa taghha Marian Rosado ma kienu jahtu ghall-incident in kwistjoni u dan ghal diversi ragunijiet fosthom li:

i. fil-granet tas-sejba tal-fougasse (sal-gurnata tal-lum) ir-rikorrenti kienet ghada ma kellhiex Key Expert Archaeological Monitor approvat minn Transport Malta;

ii. ix-xoghlijiet fil-post fejn instabet il-fougasse kienu f'zona li tinsab 'l barra mill-Programme of Works u Method Statements relattivi tax-xoghlijiet ta' monitoragg arkeologiku li kellu jsir mis-socjeta rikorrenti;
iii. il-budget ghas-servizzi li kienu jkunu obbligati jaghtu s-socjeta rikorrenti fir-rigward ta' skoperti arkeologici baqa' ma giex allokat lilhom;
iv. ix-xoghlijiet konsistenti fi clearing works fiz-zona in kwistjoni ma' kienux gew notifikati lilha u kienu apparentement gew awtorizzati minn Transport Malta;
v. galadarba ma kienx hemm Key Expert Archaeological Monitor mahtur minn Transport Malta mill-31 ta' Ottubru 'l quddiem ix-xoghlijiet KOLLHA inkluz ix-xoghlijiet li permezz taghhom giet skoperta u mnaddfa (illegalment) i-fougasse kellhom jieqfu.

13. Illi fit-3 ta' Dicembru 2014 Transport Malta infurmat lis-socjeta rikorrenti bil-miktub illi s-sospensjoni kuntrattwali kienet qed tigi estiza sal-5 ta' Jannar 2015 u fis-6 ta' Jannar 2014, is-socjeta rikorrenti irceviet l-ahbar bl-email minn Transport Malta (kopja annessa bhala Dok. D) illi: "This morning, this office received a communication from the SCH whereby SCH is requesting that Transport Malta suspends AIS Environment Ltd from providing archaeological monitoring services at the Coast Road project. Transport Malta has therefore no option but to seek alternative archaeological monitoring services from other archaeologists. In line with this direction, you are therefore kindly requested not to send any archaeological monitors on the Coast Road site until further notice." Din id-direttiva regghet giet ritenuta fil-kontroprotest numru 126/2015 li Transport Malta pprezentat fil-Qorti ft-20 ta' Marzu 2015 (kopja annessa bhala Dok E);

14. Illi inoltre, permezz ta' ittra datata 7 ta' Jannar 2015, Transport Malta infurmat lis-socjeta rikorrenti illi d-direttiva mahruga mis-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali kienet dik illi "Transport Malta suspends AIS Environment Ltd from providing archaeological monitoring services at the Coast Road project". Ir-ragunijiet wara din id-direttiva, u d-direttiva nnifisha, baqghu qatt ma gew komunikati jew spjegati lis-socjeta rikorrenti mis-Sovritendenza intimata waqt li Transport Malta baqghet qatt ma spjegat lis-socjeta rikorrenti 'l ghala s-Sovritendenza kienet qed tixhet it-tort ta' dak li kien gara fir-rigward tal-iskoperta tal-fougasse, fuqha;

15. Illi fi kwalunkwe kaz pero is-Sovritendenza intimata la ghandha dritt kuntrattwali illi titlob li ssir tali sospensjoni u lanqas ghandha l-kompetenza jew poter li taghmel hekk taht l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali peress illi hija ma ghandha l-ebda dritt jew awtorita li f'dawn ic-cirkostanzi tirregola lis-socjeta rikorrenti qua entita guridika. Tant hu hekk illi s-socjeta nkorrenti lanqas biss tipposjedi (jew tista' bil-ligi tipposjedi) licenzja biex taghmel skavi arkeologici jew inkella xoghol iehor relatat mal-patrimonju kulturali u lanqas hija registrata mal-intimata sabiex taghmel tali servizzi (naturalment ghaliex mhijiex persuna naturali imma hija biss persuna guridika) - ara Dok. A. Huma biss l-arkeologisti taghha, ingaggati minnha privatament, illi ghandhom tali licenzja u filfatt huma dawn biss li huma regolati skond il-ligi. Dan ifisser li l-intimata ghalhekk agixxiet u qeghda tagixxi ultra vires ai termini taI-Artikolu 469A(I)(b)(i) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta billi wettqet u qeghda twettaq ghemil amministrattiv meta bhala awtorita pubblika mhijiex awtorizzata li twettqu;

16. IIIi I-ghemil amministrattiv in kwistjoni huwa ukoll ultra vires ai termini taI-Artikolu 469A(l)(b)(ii) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex kif diga fuq spjegat I-intimata

naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali fit-twettiq tal-eghmil amministrattiv taghha jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-eghmil;

17. IIIi inoltre I-ghemil amministrattiv in kwistjoni huwa ukoll ultra vires ai termini taI-Artikolu 469A(l)(b)(iii) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex jikkostitwixxi abbuz tas-setgha taI-awtorita pubblika billi, kif fuq inghad, dan sar ghal ghanijiet mhux xierqa u/jew kien imsejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti billi mhux biss s-socjeta rikorrenti ma kellha I-ebda tort ghall-incident in kwistjoni izda ukoll ghaliex I-ebda arkejologu taghha ma kien responsabbli ghal tali incident;

18. IIIi dan kollu diga gie komunikat lis-Sovritendenza intimata inter alia permezz tal-protest gudizzjarju pprezentat fis-16 ta' April 2015 (numru ufficjali 181/2015 - kopja annessa bhala Dok. F) li minkejja dan baqghet tippersisti bl-agir taghha (inkluz permezz tal-kontroprotest gudizzjarju taghha pprezentat fis-19 ta' Gunju 2015 bin-numru ufficjali 286/2015 - kopja annessa bhala Dok. G) bi pregudizzju kbir ghas-socjeta rikorrenti b'dan li s-socjeta rikorrenti sofriet danni minhabba li ma thallietx tibqa' taghti s-servizzi ta' archaeological monitoring taht I-istess kuntratt;

19. IIIi b'dizappunt kbir ghaliha, is-socjeta rikorrenti skopriet ukoll illi ftit zmien biss wara t-tluq ta' Edward Calleja (i.e. l-persuna li kien il-Key Expert Archaeological Monitor taht il-kuntratt) mill-impjieg tas-socjeta rikorrenti, dan l-istess persuna tramite kumpanija bl-isem ta' ECA Consultants Limited (C67431) li giet registrata tlett ijiem biss wara d-data tat-tluq tieghu, avvicina lil Transport Malta sabiex itiha servizzi ta' archaeological monitoring fir-rigward tal-istess progett tal-Coast Road u sussegwentement gie ingaggat mill-istess Transport Malta u ghadu jaghtiha s-servizzi ta' archaeological monitoring fuq l-istess progett sal-gurnata tal-ftuh ta' din il-kawza, bl-approvazzjoni u accettazzjoni tas- Sovritendenza intimata, minkejja li din tal-ahhar fi kliemha stess kienet tat direttiva illi I-istess Edward Calleja kellu jigi sospiz;

20. IIIi abbazi tal-fuq premess is-socjeta rikorrenti tesponi umilment illi mhemmx dubbju li fl-eghmil amministrattiv taghha s-Sovritendenza intimata agixxiet, fl-aghar ipotesi in malafede, u fl-ahjar ipotesi, b'mod irragonevoli. Ghalhekk hija responsabbli ukoll illi thallas id-danni kollha li kkawzat u ghad tista' tikkawza b'rizultat tal-istess ghemil taghha ai termini tal-Artikolu 469A(5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

21. Illi ghalhekk kellha tinfetah din il-kawza.

Ghaldaqstant in vista tar-ragunijiet premessi, is-socjeta rikorrenti umilment titlob li dina I-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara null, invalidu jew minghajr effett, I-att arnrninistrattiv tas-Sovritendenza intimata fir-rigward tas-sospensjoni tas-socjeta rikorrenti milli twettaq archaeological monitoring services fil-progett tal-Coast Road taht il-Kuntratt CT 3040/2013 "Tender for Archaeological & Environmental Monitoring & Investigation Services for the Coast Road Project (NA8 to Commonwealth Cemetery)" billi dan huwa agir amministrattiv ultra-vires ai termini taI-Artikoli 469A(l)(b)(i), 469A(l)(b)(ii) u 469A(l)(b)(iii) tal-Kap. 12 tal-Ligjiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi b'dan l-agir amministrattiv is-Sovritendenza intimata kkagunat danni lis-socjeta rikorrenti billi din tal-ahhar ma' thallietx tibqa' taghti s-servizzi ta' archaeological monitoring taht l-istess kuntratt;

3. Tillikwida d-danni kkawzati lis-socjeta rikorrenti;

4. Tikkundanna lis-Sovritendenza intimata thallas d-danni hekk kif likwidati minn din l-Onorabbli Qorti, u dan ai termini tal-Artikolu 469A(5) tal-Kap. 12 tal-Ligjiet ta' Malta.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi. Is-Sovritendenza intimata qeghda tigi minn hawn ingunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tas-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament, l-esponent qed jeccepixxi n-nullita tar-rikors guramentat stante li dan gie pprezentat minghajr il-firrna tal-prokuratur legali;

2. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrileva li huwa mhux il-legittimu kuntradittur f'dawn il-proceduri ghaliex kienet l-Awtorita ghat-Transport f'Malta li hadet id-decizjoni ahharija u mhux l-esponent u dan kif jispetta lill-Awtorita skont il-Ftehim li gie ffirmat bejn tliet entitajiet u cioe bejn il-kumpannija rikorrenti, l-Awtorita ghat-Transport f'Malta u l-Awtorita ta' Malta ghall-Izvilupp u l-Ippjanar nhar l-24 ta' Settembru tal-2014, ghalhekk kwalunkwe lment ma ghandux jigi ndirizzat lejn l-esponent;

3. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghal dak li ntqal fuq, l-intimat jissottometti li l-kumpannija rikorrenti ma tistax tinqeda mill-azzjoni tal-istharrig gudizzjarju kif kontemplata fl-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta billi fic-cirkustanzi partikolari ta' dan il-kaz l-esponent ma ha l-ebda decizjoni izda ghamel biss rakkomandazzjonijiet lill-Awtorita ghat-Transport f'Malta, liema rakkomandazzjonijiet ma jammontawx ghal ghemil amministrattiv;

4. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghal dak li ntqal fuq, il-kumpannija rikorrenti kien imissha utilizzat ir-rimedju ordinarju li kellha a dispozizzjoni taghha qabel ma ntavolat dawn il-proceduri u dan ai termini tal-artikolu 469A(4);

5. Illi fil-mertu u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrespingi u jichad bil-qawwa l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha mressqa mill-kumpannija rikorrenti fil-konfront tieghu peress li dawn huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

6. Illi l-Kap. 445 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali jipprovdi li l-Istat Malti ghandu d-dmir li jistabbilixxi u jzomm strutturi amministrattivi u regolatorji ta' sovrintendenza u dan jaghmlu permezz tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali. Din is-Sovrintendenza hija marbuta li twettaq sorveljanza fuq, fost ohrajn, il-protezzjoni, konservazzjoni, restawr, manutenzjoni, esibizzjoni u accessibilita ta' proprjeta kulturali;

7. L-artikolu 4(3) tal-Kap. 445 jipprovdi dwar xi jfisser id-dmir tal-esponent li tipprotegi l-patrimonju kulturali u li fost ohrajn, dan jinkludi wkoll id-dmir ta' intervent meta jitqies

li jkun hekk mehtieg, inkluzi f'cirkostanzi ta' uzu mhux kif imiss, nuqqas ta' konservazzjoni jew applikazzjoni ta' metodi ta' konservazzjoni mhux kif ghandhom ikunu. Skont l-artikolu 7(1) hija l-missjoni tas-Sovrintendenza li twettaq dawn l-imsemmija dmirijiet tal-Istat dwar il-protezzjoni tal-patrimonju kulturali u l-ligi ma tiddistingwix bejn persuna naturali jew guridika;

8. Illi huwa l-obbligu tas-Sovrintendenza li taghmel l-interventi u r-rakkomandazzjonijiet necessarji bhal ma sar f'dan il-kaz, ghaliex dawn jikkostitwixxu d-dmirijiet li ssemmi l-ligi u konsegwentement l-agir tal-esponent huwa intra vires;

9. Illi ghall-kuntrarju ta' dak li qed issostni l-kumpannija rikorrenti, l-esponent ghandu dritt eskluziv gnall-iskavar u dan skont l-artikolu 43(1) tal-Kap. 445: "Skavi u esplorazzjonijiet arkeologici jew paleontologici fuq l-art, kif ukoll fl-ibhru territorjali jew fiz-zona kontigwa ta' Malta jistghu jsiru biss mis-Sovrintendent, jew bil-permess bil-miktub tas-Sovrintendent u skont kull kondizzjoni annessa mieghu:"

10. Illi dan ifisser li s-Sovrintendenza intimata aderixxiet mad-disposizzjonijiet tal-ligi li tirregolaha u cioe mad-disposizzjonijiet tal-Kap. 445 tal-Ligijiet ta' Malta u bhala konsegwenza, bl-ebda mod u manjiera ma agixxiet lil hinn mill-poteri taghha jew li sahansitra agixxiet in mala fede. Dan ma jista' qatt jigi accettat mill-esponent li dejjem jimxi b'metikolozita u dejjem b'ghan wiehed - dak li jigi salvagwardjat il-patrimonju kulturali Malti u ghalhekk, l-allegazzjonijiet li l-esponent agixxa ultra vires gnar-ragunijiet imsemmija fir-rikors tal-kumpannija rikorrenti huma bla ebda bazi;

11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti qed jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez.

Rat li b’verbal tas-27 ta’ Ottubru 2015 l-ewwel eccezzjoni giet irtirata;

Rat l-atti u n-noti ta’ sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Provi**

Odette Schembri, Human Resources Manager fil-kumpanija AIS Enviromental Enviroment Ltd (AIS), xehdet li fit-3 ta’ Gunju 2014 (ara Timeline a fol. 181B) AIS dahlet f’kuntratt ma’ Transport Malta (TM) relativament ghat-tender tal-Coast Road (Dok. OS1 a fol. 50) fir-rigward ta’ monitoring ambjentali u arkeologiku rikjest mill-MEPA (Permessi PA 03758/09 u PA 03883/08. Il-Sovritendenza tal-Patrimonju

Kulturali (SCH bl-Ingliz) ma kinitx parti f'dan il-kuntratt imma kellha rwol importanti bhal ma kellha l-MEPA fl-approvazzjoni tal-monitors. Il-key expert taghhom fl-arkeologija kien Edward Calleja approvat mill-SCH (ara Dok. A a fol. 9). Ipprezentat id-Dok. OS2 u OS3 (ara fol. 72 et seq.) mahrug mill-SCH dwar kif l-arkeologisti kellhom jahdmu fuq il-progett u x-xoghlijiet tal-arkeogolija fuq is-sit. Fl-ewwel gimgha ta' Ottubru, Calleja kien dahal f'diskuzzjonijiet maghhom dwar l-intenzjoni tieghu li jirrizenja minn mal-kumpanija. Hu kien infurmahom li l-ahhar gurnata tax-xoghol tieghu kellha tkun l-31 ta' Ottubru 2014. Huma kienu infurmaw lil TM bir-rizenja imminenti ta' Edward Calleja u bis-sostituta proposta minnhom, Marian Rosado. SCH giet infurmata ukoll u dina approvat lil Rosado madankollu huma kellhom jistennew il-kunsens formali ta' TM qabel ma Rosado tkun tista' tibda bix-xoghol taghha. Fil-5 ta' Novembru TM infurmathom li b'effett immedjat hija kienet qed tissospendi ghal 30 gurnata il-kuntratt in kwistjoni u dana ghaliex sosniet li kien twettaq ksur kuntrattwali minnhom. Huma kienu rribattew din l-allegazzjoni. Rosado kienet ghadha ma gietx approvata minn TM ghalkemm kien hemm approvazzjoni informali minn SCH. Ix-xoghol ta' zvillup kellu jieqaf la darba l-monitor ma kinitx ghada approvata. Ix-xoghlijiet baqghu ghaddejjin minkejja li TM gie infurmata bir-rizenja ta' Calleja. Irrizulta li waqt li kienu qed isiru clearing works f'zona li tigi l-barra mill-programme of works and Method Statement instabet hofra jew mina zghira fl-art u skoperta arkeologika. F'dak l-istadju kien krucjali li x-xoghlijiet jieqfu izda TM baqghet ghaddejja. Minkejja li ma kellhomx approvazzjoni minn TM huma kienu baghtu lil Marian Rosado minghajr obbligazzjoni fuq is-sit u dina sabet li kienet instabet skoperta ta' valur arkeologiku u li dina kienet tnaddfet minghajr awtorizzazzjoni u minghajr il-proceduri skond il-Kap. 445. Marian Rosado ghalhekk kienet nnotifikat lil SCH bis-sejba u bix-xoghlijiet li kienu saru. Fis-27 ta' Novembru 2014 huma gew infurmati li SCH kienet harget direttiva sabiex Rosado u Calleja ma jkunux prezenti fuq is-sit (ara Dok. B a fol. 14). Huma kienu gew mistiedna biex jaghtu l-versjoni taghhom imma qatt ma gew infurmati dwar ir-raguni ta' dina d-direttiva. Huma kienu wiegbu li (i) fil-gurnata tas-sejba huma ma kellhomx monitor sostitut approvat minn TM; (ii) li x-xoghlijiet saru f'post 'l barra mill-Programme of Works; (iii) li l-budget ma kienx ghadu gie approvat; (iv) huma ma kienux gew notifikat bil-clearing works u (v) la ma kienx hemm monitor approvat minn TM ix-xoghlijiet kellhom jieqfu. Fit-3 ta' Dicembru TM infurmathom li s-sospensjoni kienet

ser tigi estiza ghal 30 gurnata u fil- 5 ta' Jannar gew infurmati li SCH talbet lil TM biex tissospendi lil AIS (Dok. D a fol. 18 u sar protest (Dok. F a fol. 23) u kontro-protest (Dok. E a fol. 23). SCH ma kellha ebda dritt kuntrattwali li titlob li ssir tali sospensjoni u lanqas kompetenza jew poter li taghmel hekk taht il-Kap. 445 li tirregola lilhom bhala entita guridika imma huma biss l-arkeologisti taghhom li huma regolati bil-ligi taht il-OPSAS. Ghalhekk SCH agixxiet ultra vires ai termini tal-artikolu 469A(1)(b)(i) tal-Kap. 12. L-eghmil amministrattiv huwa ultra vires ukoll ai termini tas-subartikolu (ii) ghaliex il-SCH naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali u taht is-subartikolu (iii) ghaliex dak l-eghmil jikkostitwixxi abbuz ta' setgha billi l-eghmil sar ghal ghanijiet mhux xierqa u/jew imsejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti billi huma ma kellhom ebda tort ghal dak li gara u l-arkeologu taghhom ma kienux responsabili ghal tali incident. Dan huma nnotifikawh lil SCH fil-protest taghhom. Inoltre huma skoprew li ftit zmien biss wara Edward Calleja, tramite il-kumpanija ECA Consultants Ltd gie ingaggjat minn TM bhala monitor fuq l-istess progett, bl-approvazzjoni ta' SCH minkejja li dana ukoll kien gie sospiz qabel. Huma jhossu li SCH agixxiet b'mod malizzjuz jew inkella mxiet b'mod stinat kontra l-ligi u b'mod irragjonevoli. Ghahekk SCH ghandha tinsab responsabbili ghad-danni.

Fuq kontro-ezami wiegbet li ma kienx ghadu gie definit minn SCH ezattament l-iscope of works x'kien jinkludi u regghet kkonfermat li SCH ma kelliex komptenza fuq il-kumpanija taghhom.

Dr Anthony Pace, Sovrintendent, xehed li l-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali twettaq sorveljanza fuq, fost ohrajn, il-protezzjoni, konservazzjoni, restawr, manutenzjoni, esibizzjoni u accessibilita ta' proprjeta kulturali skond il-Kap. 445. Hi taghmel l-interventi u r-rakkomandazzjonijiet necessarji kif sar f'dan il-kaz kemm fir-rigward ta' persuna naturali u gurdika (Art 4(3) u 7(1) Kap. 445). SCH ghandha dritt esklussiv ghall-iskavar u dan skond l-artikolu 43(1) Kap. 445. Dwar dan il-kaz huwa kien gie nfurmat li kien instab fougasse u flimkien ma' Maverik Spiteri marru biex jispezzjonaw is-sit. Sab li x-xoghol ta' kostruzzjoni fuq il-Coast Road, kien ikkawza hsara fl-istruttura tal-fougasse u fid-depoziti arkeologici li kienu fl-istess fougasse. Il-fougasse hu repert arkeologiku importanti. Hu sar jaf bis-sejba ta' dan il- fougasse minn rapport li sar minn Marian Rosado, monitor tal-kumpanija rikorrenti, li kellha

tiehu post Edward Calleja li kien irrizenja. Skond it-terms of Reference li hargu lil Transport Malta x-xoghol tal-Coast Road kellu jkun sorveljat minn Monitor. T M kienet qabbdet lir-rikorrenti ghal dana l-iskop. Fil-bidu r-rikorrent kellhom lil Edward Calleja bhala monitor, imbaghad skond avviz mir-rikorrenti lil Nathaniel Cutajar, Deputat Sovritendent, Calleja kien ser jibqa' maghom sa l-ahhar ta' Ottubru 2014. Is-Sovritendenza accettat li postu tiehdu Marian Rosado. Kemm il-kumpanija AIS kif ukoll il-Monitor kienu mqabbdin minn TM li kienu qed jahdmu fuq it-Terms of Reference tas-Sovritendenza (Dok. AP1 a fol. 348). Ix-xoghol tal-Monitor hu li meta jinstab xi haga ta' valur arkejologiku jew storiku jwaqqaf ix-xoghol u jsir rapport imbaghad tittiehed decizjoni dwarhom. Il-presenza ta' monitor fuq is-sit b'mod kontinwu kienet wahda mir-rekwiziti. Kuntrattur ma jistax jahdem fuq is-sit jekk mhux fil-presenza tal-monitor. Meta sar ir-rapport minn Rosado fil- 5 ta' Novembru 2014 il-hsara kienet diga saret u ma gietx evitata, ghalhekk huma kienu ssospendew l-monitors involuti. Fil- 24 ta' Ottubru TM kienu kitbu lis-Sovritendenza fejn qalu li kienu gew infurmati li ha jsir it-tibdil tal-monitor. Fid-29 ta' Ottubru Nathaniel Cutajar kiteb lil TM, (Dok. NC1 a fol. 200) precisament lil perit Kylie Marks biex jikkonfermalhom l-approvazzjoni ta' Marianne Rosado bhala monitor. Il-Monitor hu maghzul u mqabbad mill-kljent cioe minn TM permezz ta' kuntratt li fih huma mhumiex parti u jithallsu minghand il-kljent. Huma jivverifikaw biss li dawn il-monitors huma maghrufa (art. 7(b) tal-Kap. 445) u s-Sovritendenza ssegwi ix-xoghlijiet jew issues li jinqalghu. Jekk ix-xoghol isir minghajr monitors ikun hemm kontravenzjoni. Ighid li l-hsara saret fl-ewwel gimgha ta' Novembru meta Edward Calleja ma kienx aktar involut. Jidher li kien hemm spazju ta' xi jumejn meta ma kienx hemm monitor billi Rosado ma kinitx ghadha waslet imma AIS kienet ghandha responsabbili ghal monitoring. Illi anke jekk kien hemm dewmien min-naha ta' TM biex tikkonferma n-nominazzjoni ta' Rosado. AIS kellha jew tinforma lis-Sovritendenza dwar dana jew li tavza lil TM li kull xoghol ta' skavar mekkaniku kellu jieqaf fl-assenza ta' monitor approvat gdid. AIS ma haditx dawn iz-zewg passi u AIS giet sospiza ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 445 minhabba n-nuqqasijiet taghhom fl-immanigjar tal-handover tal-kaz bejn l-ahhar ta' Ottubru u l-bidu ta' Novembru 2014. Kienet TM li hadet id-decizjoni li tissospendi lil AIS fuq rakkomandazzjoni tas-Sovritendenza (Dok. AP2 a fol. 342). Fl-1 ta' Dicembru 2014 AIS fl-ittra taghhom (Dok. NC3 a fol. 215) jaqblu li huma kienu responsabbili to ensure service contintuity and to ensure the presence of

an expert on the ground. Ir-rapport ta' Rosado dahal ghandhom fil-5 ta' Novembru 2014 u qabel dik id-data ma kienu rcevew xejn minghandha. Ghalhekk il-kwistjoni f'dan il-kaz kienet dwar n-nuqqasijiet fil-handover tal-Monitoring minn Ottubru ghal Novembru. Minn Settembru 2014 sa Ottubru 2014 AIS kellha informazzjoni disponibili li Edward Calleja kien se jieqaf fl-ahhar ta' Ottubru. Is-sovritendenza qatt ma gie infurmata minn AIS li kien ser ikun hemm gap fil-moniteragg. Is-Sovritendenza mxiet skond il-ligi Kap. 445 u bl-ebda mod ma agixxiet in mala fede jew lill hinn mill-poteri taghha (ultra vires).

Fuq kontroezami wiegeb li hu ma jafx meta nstabet il- fougasse, jaf li giet rappurtata fil 5 ta' Novembru. Huma ssospendew lil AIS ghax naqqsu milli jaghmlu xogholhom. Is-sovritendenza ma tidholx fil-kuntratt bejn TM u AIS imma biss li jkun hemm kontinwita' fil-monitoring. It-terms of Reference kienu nhargu fuq il-monitor imma l-kumpanija li timpjegah ghandha r-responsabilitajiet taghha. Ir-responsabilita finalment taqa' fuq minn qed jaghmel ix-xoghol li hija AIS. Ahna ma nissospendu imma nirrakkomandaw u nistghu nigu overruled. Il-kumpanija giet sospiza indipendentement minn kemm kellha monitors. Hu ma kienx konxju li f'dik l-area kien hemm xi fougasse. Ma kellhomx informazzjoni ghalhekk kien hemm il-monitor.

Fl-affidavit tieghu, Nataniel Cutajar, deputat Sovritendent, xehed li kien dahal rapport ta' Marianne Rosado li kien instab feature ta' valur potenzjalment arkeologiku. Maverik Spiteri min-naha taghhom kien mar fuq is-sit fil-5 ta' Novembru u sab il-fougasse, (kanun maqtugh fil-blat tas-seklu tmintax). Dan kien inkixef waqt xoghlijiet marbutin mal progett tal-Coast Road u kienet saret il-hsara fih. Il-materjal li kien hemm gol fougasse jidher li nqala kollu bil-gaffa. Dan l-iskavar ma kellux isir ghaliex ix-xoghlijiet kellhom jigu monitored u ma kienux. Ix-xoghol kien qed isir mill-kuntrattur ta' Transport Malta imma suppost kienu qed jigu monitored minn AIS. Il-monitor Marian Rosado kienet giet approvata mis-Sovritendenza u kellha tahdem bl-istess terms of reference bhal Edward Calleja qabilha. Xoghol il-monitor kien li jzomm ix-xoghol meta tinsab xi haga u jsir rapport. Is-sovritendent Dr Pace kien mar fuq il-post ukoll. Ir-rapport hareg wara li kienet diga saret il-hsara kif indikat anke mir-ritratti stess. Dan id-dannu seta gie evitat. Ghalhekk SCH talbet li jigu sospizi l-monitors. Billi ma kienux jafu meta ezattament saret il-hsara huma ssospendew kemm il-

monitor approvata Marianne Rosado kif ukoll il-monitor li kien hemm qabel Edward Calleja. It-tnejn kienu impjegati ma' AIS. Huma ma kienux sabu oggezzjoni li l-monitor Edward Calleja jigi mibdul minn Marian Rosado. Fit-29 ta' Ottubru 2014 kienu kitbu lil perit Kylie Marks ta' TM biex jinfurmahom li huma kienu approvaw lil Marianne Rosado u f'kaz li tigi kkonfermata kellha tahdem fuq l-istess terms of reference bhal ta' qabilha (Dok. NC1). Huma kienu qed jistennew korrispondenza minn TM li kienu approvawha huma wkoll imma dina damet ma giet. SCH ma tidholx kif issir il-handover billi huma mhumiex parti fil-kuntratt bejn TM u AIS, billi hija TM li trid tikkonferma l-monitor. Is-sovritendenza tivverifika biss li l-monitor huwa maghruf u registrat maghha u li jimxi mal-istruzzjonijiet teknici taghha.  Dawn it-Terms of Reference johrogu abbazi tal-permess tal-MEPA u mhux tal-kuntratt u jorbtu lill-monitor personalment.

Meta saru jafu bil-hsara li saret FSC issospendiet lil monitors sakem jifhmu x'kien gara. Huma tkellmu ma' TM, ma' Rosado, u ma' Calleja. Ghal Rosado kienet irrispondiet il-kumpanija li maghha kienet impjegata, AIS. Qablu li sal-ahhar ta' Ottubru dak ix-xoghol li kkawza l-hsara ma kienx ghadu sar u li mill-1 ta' Novembru 'l quddiem Calleja ma kienx aktar involut. Il-hsara saret fl-ewwel granet ta' Novembru. Huma nnotaw li l-hamrija kienet ghadha maqluha friska u li Rosado ma kinitx hemm meta gara l-kaz u kien hemm xi granet meta ma kienx hemm monitor. AIS pero baqghet responsabbili ghal monitoring. Hi ma nfurmatx lis-Sovritendenza li ma kienx ghadu gie konfermat il-monitor gdid u lanqas avzat lil TM biex ix-xoghol jieqaf sakemm jigi approvat il-monitor gdid.  Kieku huma kienu gew alterted mill-monitor jew minn AIS huma kienu jwaqqfu x-xoghol jew jiehdu mizuri straordinarji biex jiggarantixxu l-monitoring. Izda x-xoghol baqa' ghaddej minghajr moniteragg mill-inqas ghal jumejn shah u saret il-hsara fil-fougasse. AIS giet sospiza minhabba n-nuqqas fl-immanigjar tal-handover bejn Ottubru u Novembru b'rizultat li nqala dana l-incident. AIS ma gietx blacklisted imma l-kaz kien gravi bizzejed biex SCH taghmel rakkomandazzjoni biex AIS tigi sospiza ai termini tal-art. 7(1) tal-Kap. 445 u biex TM tissospendi lil AIS. AIS kienu iggarantew il-continuation of service of monitoring permezz tal-monitor Rosado mill-bidu ta' Novembru 2014 (Dok. NC3). Wara li nqalghet il-kwistjoni kienu appuntaw interim monitors. Imbaghad billi ma setghux jibqghu b'monitors temporanji, f'Jannar 2015 TM regghet qabbdet lil Edward Calleja

bhala monitor permanenti billi kien instab li dana ma kellux x'jaqsam mal-incident. Ghalkemm it-terms of reference jorbtu lill-monitor, wara l-individwu hemm il-kumpanija li ghandha l-kuntratt mal-kljent. F'dan il-kaz AIS ma ggarantietx il-monitoring kontinwu on site u dan kien nuqqas tal-kumpanija u mhux tal-monitor. AIS kellha zmien minn Settembru sa Ottubru sabiex tindirizza l-kwistjoni tar-replacement ta' Edward Calleja. Is-Sovritendenza ma kinitx giet infurmata li kien ser ikun hemm gap fil-monitoring. Is-Sovritendenza imxiet skond il-ligi Kap. 445 u hi ma agixxietx ultra vires jew b'mala fede.

Fuq kontro-ezami x-xhud wiegeb li ghalkemm kienu approvaw in-nomina ta' Marian Rosado (Dok. NC1 a fol. 200) ma jafx jekk attwalment TM ikkonfermawx lil Rosado. Huma ma kellhom ebda indikazzjoni dwar korrispondenza li ghaddiet bejn TM u Edward Calleja. Il-korrispondenza ma' AIS kienet tindika li l-monitor li se tissostitwixxi lil Calleja kienet se tkun Marian Rosado. Huma ma gewx infurmati li kien hemm problema ta' monitoring. Jekk kien hemm problema fis-servizz, AIS kellha tiehu mizuri prekawzjonali. Huma ma jistghux jiddixiplinaw lil xi hadd jekk ghadu ma giex nominat. AIS hadet sogru billi halliet ix-xoghol jibqa' ghaddej minghajr ma tat avviz. Huma ma setghux jissopendu direttament lil AIS billi l-kuntratt kien bejn TM u AIS. Huma setghu jirrakkomandaw biss. Il-kumpanija AIS kienet taf li kienet responsabbili ghal monitoring minkejja li fl-ahhar ta' Ottubru Edward Calleja kien spicca minn maghhom dana anke jekk kien hemm delay minn Transport Malta biex tikkonferma. AIS ma kelliex thalli skopert is-sit ghal jumejn u ghal dana in-nuqqas kienet responsabili AIS. Kien ghalhekk li huma taw parir lil TM biex tissospendi lil AIS ukoll. Wara l-monitor kien hemm l-kumpanija li ghandha kuntratt ma' TM. L-ahhar posizzjoni li kellhom kienet dik tal-ahhar ta' Ottubru. Kien hemm qbil li Edward Calleja kien responsabbili ghal monitoring sal ahhar ta' Ottubru u li Rosado kienet se tkun ir-replacement tieghu. L-Engineer tal-kumpanija Emanuel Schembri kien ikkonferma li Rosado kienet present on site to ensure service continuity, tant hu hekk li fil-5 ta'Novembru dahal ir-rapport taghha.

Maverick Spiteri, Executive Officer mal-SCH, xehed li r-rwol tas-Sovretendenza hu li tara li meta jsir xi zvilupp jaraw li jitqabbad arkeologu biex jimmoniterja x-xoghol u johrogu Terms of Reference kif ghandu jsir ix-xoghol. It-Terms of Reference huma

dettalji teknici li tibghat il-SCH dwar l-archeological monitoring. Imbaghad ma dawn, TM tinkludi kundizzjonijiet ohra li tkun tehtieg fuq ix-xoghol. It-Terms of Reference jorbtu lil min jiehu l-kuntratt. F'dan il-kaz l-izvilluppatur kien TM u qabbad il-monitor wara li gie approvat minn SCH u minnhom. Huma l-individwi li huma registrati u approvat minn SCH li jistghu jahdmu bhala monitors u jigu impjegati mill-kumpanija. Sal ahhar ta' Ottubru 2014 kien hemm monitor Edward Calleja. Imbaghad kien hemm perjodu ta' ftit granet fejn ma kienx hemm monitor fuq is-sit. Wara li Rosado giet sospiza, gew nominati monitors provvisorji u dawn komplew jahdmu sal bidu ta' Jannar 2015. Wara, minn Jannar 2015 sakemm spicca l-progett tqabbad Edward Calleja bhala monitor ghan-nom tal-kumpanija ECA Consultants.

Oliver Magro, rapprezentant fl-ufficju legali tal-MEPA xehed li TM kienet marbuta bil-permessi li nhargu biex tqabbad konsulent biex jimmonitorja x-xoghol, u f'dan il-kaz, tqabbdet il-kumpanija AIS. L-Awtorita qatt ma giet infurmata li l-monitoring kien waqaf f'xi hin. Il-monitoring ma setghax jieqaf jekk mhux bil permess tal-MEPA. Il MEPA ma gietx infurmata li kien waqaf il-monitoring ghalhekk ma setghetx taghti kunsens jew twaqqaf lil AIS. Hija kellha tigi infurmata minn TM li waqaf il-monitoring. Kieku il-MEPA giet infurmata hija kienet twaqqaf lil TM b' stop notice jew open enforcement sheet.

Perit Sandra Magro, project manager ghal kuntratturi tax-xoghol ta' kostruzzjoni, xehdet li fil-bidu ta' Settembru kienu sabu cave xi 10 metri l-boghod mill-fougasse. Fid-9 ta' Ottubru 2014 inghataw il-clearance minn Maverik Spiteri ghan-nom ta' SCH (Dok. SM1 a fol. 242) biex jahdmu fuq is-sit fejn instabet il-cave, imma dan ma jfissirx li huma bdew jahdmu mill-ewwel. Il-Perit Reuben Aquilina kien ghamel rapport (Dok. SM2 a fol. 243 et seq.) fejn qal li fit-3 ta' Novembru 2014 kien qed isir ix-xoghol ta' skavar fejn instab il-fougasse. Fejn il-fougasse huma ma kellhomx bzonn iqattghu l-blat imma jnehhu l-materjal biss sakemm jaslu ghal blat. Ix-xoghol sar fit-3 ta' Novembru ghal habta tal- 4pm. L-excavation works (thammil) hemmhekk sar b'toothless bucket sakemm waslu sal-blat. Il-kuntrattur ma kienx jaf li kienet instabet sejba arkeologika hlief meta gie infurmat minn AIS fil 5 ta' Novembru. Wara l-area giet protetta.

Perit Kylie Borg Mark xehdet li hija tahdem ma' TM u kienet project leader fil-progett tal-Coast Road. Huma kienu gew notifikati fl-24 ta' Ottubru 2014 minn AIS li Edward Calleja ma kienx se jibqa' impjegat maghhom u kien se jispicca fl-ahhar t'Ottubru. TM ma setghetx tapprova t-tibdil mitlub qabel ma d-Dipartiment tal-Kuntratti japprova dak it-tibdil. Huma kkomunikaw ma' SCH biex jaraw jekk kellhiex il-kwalifiki kollha u jekk kienux se japprovawha bhala monitor. Rosado baqghet ma gietx appuntata. Wara li fid-29 ta' Ottubru SCH kien approva lil Rosado, TM ma kinitx ghada ikkuntattjat lid-Direttur tal-Kuntratt. Dan ma setghax isir overnight u lahaq inqala l-incident tal-fougasse. Inqalghu diversi affarijiet f'dak il-perjodu. AIS ma kinitx infurmathom fil-hin li kienu telqulha zewg esperti. Meta AIS kienu gew sospizi kellhom isibu alternativa temporanja biex jitkompla x-xoghol. Meta l-arkeologa li kienu qabbdu ma setghetx tkompli bix-xoghol, huma kienu gew infurmati li ma setghux jergghu jqabbdu lil AIS u lill-Rosado ghax kienu sospizi. Min-naha l-ohra Edward Calleja ma kienx ghadu suggett tal-investigazzjoni u dan rega ngaggjat minn TM fuq il-progett f'Jannar 2015. SCH ma kinitx infurmathom li Rosado kienet giet rilaxxjata. AIS ma setghetx tkompli bis-servizz tal-monitoring ukoll. Calleja kien l-unika availability li kellhom kif ukoll huwa kien diga jaf il-progett. Tghid li ma kienux lahqu kitbu lid-Direttur tal-Kuntratti ghax kienet saret is-sospensjoni ta' AIS u l-Monitor. Hija ezibit it-timeline tal-affarijiet kif graw (Dok. KBMA1 a fol. 181B). Il-firmatarju fuq il-kuntratt kienu AIS u Director of Contracts on behalf of TM. AIS kellha tinforma lill-TM bit-tibdil li xtaqet taghmel well in advance u mhux thalli ghal ftit granet qabel it-terminazzjoni cioe fl-24 ta' Ottubru meta pproponew lil Rosado. Ghalihom Calleja kien ghadu l-monitor wara l-31 ta' Ottubru billi biex isir it-tibdil tal-monitor wiehed irid jibqa sakemm isir it-tibdil formali.

Edward Calleja xehed li hu kien jahdem mal-AIS ghal tlett snin minn Novembru 2011 sa Ottubru 2014. Imbaghad billi l-income tieghu beda jonqos u l-ispejjez jizdiedu kien telaq minn ma` AIS. Hu kien tahom in-notice li ser jitlaq fit-tielet gimgha ta' Settembru bl-intenzjoni li jitlaq fl-ahhar ta' Ottubru 2014. Marian Rosado imbaghad kellha tiehu postu fil-management post u bhala key expert. Mit-tielet gimgha ta' Ottubru huwa ma baqax imur on site. AIS kienet infurmat lil SCH u lil TM li hu kien ser jispicca minn maghhom u tefghu n-nomina ta' Rosado. Imbaghad hu beda jarma ufficcju tieghu gdid. Sar jaf li Rosado kienet rappurtat is-sejba ta' fougasse u li kienet saret il-hsara.

Saret investigazzjoni min-naha ta' SCH fejn anke hu gie investigat. Hu kien informa li SCH bil-posizzjoni tieghu (Dok. NC4 a fol. 217) u wara gie infurmat minn SCH li hu ma kellux x'jaqsam. Marian Rosado u AIS kienu gew sospizi u biex ma jieqafx ix-xoghol fil-Coast Road, TM u SCH sabu alternativa billi qabdu temporanjament tlett arkeologisti. Fl-ewwel gimgha ta' Jannar kien gie avvicinat minn TM billi kienu irrizenjaw dawn it-tlett arkeologist biex jiddiskutu l-eventwalita' li jerga jidhol fil-progett minhabba l-esperjenza tieghu u nuqqas ta' kollegi ohra f'dana s-settur. Hu ma kien ippowcja lill hadd. Hu kien gie avvicinat minn TM u kien qalilhom li kien sospiz imbaghad kien qalulu li hu kien gie kklirjat u li AIS kienu gew sospizi. Ghalhekk hu ma kien qed jiehu xejn lil hadd. Hu kien rega dahal ma' TM b'kuntratt on a monthly basis li kien jigi rinnovat kull xahar.

Marian Rosado in her affidavit stated that she started working with AIS as full time senior archaeologist with effect from 2013. Edward Calleja was the senior manager in the company. He was the key expert on TM Coast Road project but left AIS on the 31st October 2014. Her involvement on this project started in July 2014. AIS recommended her as the key expert to replace Edward Calleja on this project, but TM never confirmed her. On the 4th November 2014, as she had not received any feedback from TM or SCH regarding her nomination, she called Mr Nathaniel Cutajar of SCH to enquire about her status. He informed her that SCH had approved her and it was agreed between them that she would immediately start carrying out inspections on an informal basis as from the following day, 5th November. When she went on site she found that the rock close to the fougasse had already been cut and that the fougasse itself had been cleaned out. She informed Mevrick Spiteri of SCH of the discovery and he instructed her to send a report (fol. 138). According to the Operation Procedures if any archeaeological remains are discovered during the construction, the archaeologist should have been informed. Bonnici Bros who were working on site should have drawn the attention of the discovery. TM was in breach when it allowed work to continue after the 31st October when they had not confirmed the archaeological monitor.

**Fatti tal-kaz**

Illi fit-3 ta' Gunju 2014, is-socjeta rikorrenti AIS dahlet f'kuntratt mad-Direttur Generali tal-Kuntratti ghan-nom tal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta fir-rigward ta' tender ghal Archaeological Monitoring. Responsabbli ghall-monitoragg kien l-arkejologu Edward Calleja, impjegat ma' AIS. Bejn Settembru u Ottubru 2014 dan kien infurma lil AIS li l-ahhar gurnata ta' xoghol tieghu maghhom kienet ser tkun il-31 ta' Ottubru 2014. Fil-24 ta' Ottubru 2014 s-socjeta rikorrenti infurmat lil Transport Malta bir-rizenja imminenti ta' Edward Calleja u bis-sostituta proposta minnhom, Marian Rosado. Huma infurmaw ukoll lis-sovritendenza intimata b'din il-bidla proposta. Is-sovritendenza approvat lil Marian Rosado fil-29 ta' Ottubru imma s-socjeta rikorrenti kellha tistenna l-konferma formali minn naha ta' Transport Malta qabel ma' l-istess Marian Rosado setghet tibda x-xoghol. Illi wara l-31 ta' Ottubru 2014 x-xoghlijiet fil-Coast Road baqghu ghaddejin minkejja li ma' kienx hemm monitor konfermat u fl-ewwel granet ta' Novembru, waqt li kienu qeghdin isiru xoghlijiet tal-'clearing works' saret hsara f'sejba arkeologika. Is-Sovritendenza, l-MEPA u s-socjeta rikorrenti ma' kienux gew infurmati bis-sejba wisq probabbli ghaliex f'dak l-istadju l-kuntrattur ma' ndunax bl-importanza tas-sejba. Fil-5 ta' Novembru 2014, is-socjeta rikorrenti baghtet lil Marian Rosado sabiex tara x-xoghol li kien ghaddej fis-sit in kwistjoni, u din sabet li kien instab fougasse li kien tnaddaf minghajr awtorizazzjoni u minghajr ma' kienu gew osservati l-proceduri skond il-Kap. 445. Marian Rosado innotifikat minnufih lis-Sovritendenza bl-istess sejba u bix-xoghlijiet li kienu saru minghajr permess. Fil-5 ta' Novembru 2014, Transport Malta infurmat lis-socjeta rikorrenti illi b'effett immedjat hija kienet qed tigi sospiza ghal 30 gurnata u dan ghaliex, skond hi, s-socjeta rikorrenti kienet wettqet prima facie ksur kuntrattwali. Fil-11 ta' Novembru 2014, Transport Malta infurmat lis-socjeta rikorrenti illi s-Sovritendenza intimata kienet harget direttiva sabiex Marian Rosado u Edward Calleja ma jkunux prezenti fuq is-sit. Fis-27 ta' Novembru 2014 is-Sovritendenza issospendiet lil dawn il-monitors. Fit-3 ta' Dicembru 2014 Transport Malta infurmat lis-socjeta rikorrenti bil-miktub illi s-sospensjoni kuntrattwali kienet se tigi estiza sal-5 ta' Jannar 2015 u fis-6 ta' Jannar 2015 is-socjeta rikorrenti giet infurmata biex ma tkompliex fuq il-monitoring tal-arkeologija minghajr ma nghatat raguni ghaliex. TM kienet appuntat b'mod temporaneju arkeologist ohra u meta dawn ma komplewx qabbdet lil Edward Calleja mill-gdid.

**Kontestazzjoni**

Is-socjeta rikorrenti tikkontendi illi SCH ma kellha ebda dritt kuntrattwali li titlob is-sospensjoni taghha u lanqas il-kompetenza jew il-poter li tirregola lilhom bhala entita guridika taht il-Kap. 445 imma hi setghet biss tirregola l-arkeologisti li jaqghu tahta bil-ligi. Ghalhekk AIS issostni li SCH agixxiet ultra vires ai termini tal-artikolu 469A(1)(b)(i) tal-Kap. 12. Inoltre l-eghmil amministrattiv huwa wkoll ultra vires ai termini tas-subartikolu (ii) ghaliex il-SCH naqset li tosserva l-principji tal-gustizzja naturali u taht is-subartikolu (iii) ghaliex dak l-eghmil jikkostitwixxi abbuz ta' setgha billi l-eghmil sar ghal ghanijiet mhux xierqa u/jew imsejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti billi huma ma kellhom ebda tort ghal dak li gara u l-arkeologu taghhom ma kienx responsabili ghal tali incident. Inoltre r-rikorrenti skoprew li ftit taz-zmien wara li Edward Calleja, tramite il-kumpanija ECA Consultants Ltd, gie ingaggjat mill-gdid minn TM bhala monitor fuq l-istess progett u bl-approvazzjoni ta' SCH, minkejja li dan ukoll kien gie sospiz. Huma jhossu li ghalhekk SCH agixxiet b'mod malizzjuz jew imxiet b'mod stinat kontra l-ligi u b'mod irragjonevoli. Ghalhekk isostnu li SCH ghandha tinsab responsabbili ghad-danni kagonati ai termini tal-artikolu 469A(5) tal-Kap. 12 billi li hija ma' thallietx tibqa' taghti s-servizzi ta' archaeological monitoring taht l-istess kuntratt.

L-intimata wiegbet (i) li hi mhijiex il-legittimu kuntradittur f'dawn il-proceduri billi kienet TM li hadet id-decizjoni ahharija li tissospendi lil AIS u mhux hi. Il-ftehim kien gie ffirmat bejn tliet entitajiet u cioe AIS, TM u l-MEPA ghalhekk it-talbiet ma ghandhomx jigu ndirizzati lejha; (ii) il-kumpannija rikorrenti ma tistax tinqeda mill-azzjoni taht l-artikolu 469A tal-Kap. 12 billi l-intimata ma hadet l-ebda decizjoni izda ghamlet biss rakkomandazzjonijiet lill-TM liema rakkomandazzjonijiet ma jammontawx ghal ghemil amministrattiv; (iii) il-kumpannija rikorrenti kellha rimedju ordinarju ai termini tal-artikolu 469A(4); (iv) fil-mertu it-talbiet kollha tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Illi kien l-obbligu ta' SCH li taghmel r-rakkomandazzjonijiet necessarji u konsegwentement l-agir taghha mhumx ultra vires; Hi aderiet mad-disposizzjonijiet tal-Kap. 445 u ghalhekk bl-ebda mod ma agixxiet lil hinn mill-poteri taghha jew li agixxiet in mala fede. Kull ma ghamlet kien biss biex tissalvagwardja l-patrimonju kulturali Malti.

**Eccezzjonijiet preliminari**

**Legittimu kontradittur**

L-intimata wiegbet li hi mhijiex il-legittimu kuntradittur billi kienet TM li hadet id-decizjoni ahharija li tissospendi lil AIS u mhux hi.

Illi huwa minnu li ma kien hemm l-ebda relazzjoni kuntrattwali bejn AIS u SCH izda billi SCH tirregola direttament il-professjoni tal-arkeologisti f'Malta, kif ukoll li l-arkeologisti ta' AIS iridu joqghodu fuq it-Terms of Reference mahrugin minn SCH, ghalhekk kull direttiva ta' SCH kienet se jkollha konsegwenzi fuq AIS peress AIS kienet marbuta ma' TM biex tipprovvdi archaeological monitor.

Il-Qrati tagħna fissru kemm-il darba li d-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti f'kawża tkun leġittimu kontradittur ma tfissirx li l-Qorti ma setgħetx, fil-konsiderazzjoni tal-eċċezzjonijiet imqajma kontra t-talbiet rikorrenti, tasal għall-konklużjoni li l-konvenuti – meqjus prima facie bħala leġittimu kontradittur – jista', wara l-kunsiderazzjoni tal-kawża, jirriżulta għal kollox estraneju għar-responsabbilitajiet lilu addebitati mir-rikorrent fl-azzjoni minnu tentata (ara **Marouska Fenech vs Support Services Limited et** (PA 08/05/2018) u **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et** (App 05/10/2001).

Ghalhekk dina l-eccezzjoni ma tistax tigi milqugha.

**Eghmil Amministrattiv**

SCH wiegbet ukoll li l-kumpannija rikorrenti ma tistax tinqeda bl-azzjoni taht l-artikolu 469A tal-Kap. 12 billi l-intimata ma hadet l-ebda decizjoni izda ghamel biss rakkomandazzjonijiet lill-TM liema rakkomandazzjonijiet ma jammontawx ghal eghmil amministrattiv.

Illi gie deciz mill-Qrati taghna li kemm taht is-sistema ta' stharrig gudizzjarju in generali u kif ukoll taht l-azzjoni ta' stharrig gudizzjarju mahsuba fl-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-istharrig li tista' tintalab taghmel din il-Qorti jghodd ghal kull decizjoni amministrattiva li b'xi mod tolqot lic-cittadin, kemm jekk tkun fis-sura ta' decizjoni li torbot, u kif ukoll jekk tkun fis-sura ta' rapport li fuqu l-awtorita

pubblika ssejjes id-decizjoni ahharija taghha, imqar jekk tali rapport ikun jikkostitwixxi l-motivazzjonijiet li fuqhom l-istess awtorita pubblika mbaghad issejjes id-decizjonijiet taghha. Il-ligi ma taghtix tifsira ta' x'tista' tkun 'decizjoni' ghall-finijiet ta' x'jaqa' taht il-kliem 'eghmil amministrattiv'. Jidher li, sakemm xi decizjoni ma tkunx biss komunikazzjoni ta' taghrif, il-Qrati jistghu jintalbu li jistharrguha fil-limiti ta' stharrig tas-siwi taghha bla ma jindahlu fil-mertu taghha (ara **Elton Taliana vs Onor. Ministru ghall-Intern u Sigurta Nazzjonali et**, PA 16/03/2015).

Fil-kaz in ezami TM, bhala awtorita pubblika, kienet sejset id-decizjoni taghha li tissospendi lil AIS fuq ir-rakkomandazzjoni tal-SCH u TM ma kellhiex triq ohra hlief li taccetta r-rakkomandazzjoni stante li minghajr l-approvazzjoni ta' SCH hi ma setghetx tikkonferma l-monitor u lanqas li tkompli bix-xoghol ta' kostruzzjoni.

Ghalhekk id-decizjoni ta' SCH kellha piz determinati fil-kuntest kuntrattwali bejn AIS u TM u wasslet biex AIS ma tkomplix tipprovdi s-servizz li kienet marbuta li tipprovdi.

Din is-sottomissjoni ghalhekk mhux qed tigi milqugha.

**Rimedju ordinarju**

L-intimata, wkoll preliminarjament, issottomettiet li l-kumpannija rikorrenti kien imissha utilizzat ir-rimedju ordinarju li kellha a dispozizzjoni taghha ai termini tal-artikolu 469A(4), qabel ma ntavolat dawn il-proceduri.

Illi l-intimata ma ndikatx liema rimedju ordinarju ir-rikorrenti kellhom biex jistharrgu d-decizjoni tal-SCH li biha rrakkomandat is-sospenzjoni tas-socejta rikorrenti. Jidher li SCH qed tirreferi ghat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva izda fil-fehma tal-Qorti dan ir-rimedju ma jaghtix lil AIS rimedju effettiv u shih billi l-kompetenza tat-Tribunal imsemmi ija limitata biss ghal dawk l-awtoritajiet pubblici li l-Ligi [Tielet Skeda Art 25(2) tal-Kap. 490] taghti dritt ta' appell minn atti amministrattivi quddiem it-Tribunal. Ghalhekk dak it-Tribunal ghalkemm moghni bil-kompetenza li jirrevedi atti amministrattivi kemm fuq punti ta' fatt kif ukoll fuq punti ta' ligi, ma jistghax b'mod arbitrarju japplika dak li jipprovvdi l-Artikolu 469A.

**Fil-mertu**

Fil-mertu l-intimata wiegbet li t-talbiet kollha tas-socjeta rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi hi aderiet mad-disposizzjonijiet tal-Kap. 445 u r-rakkomandazzjonijiet li ghamlet kienu kollha necessarji biex tissalvagwardja l-patrimonju kulturali Malti konsegwentement l-agir taghha ma kienx la ultra vires u lanqas in mala fede.

469A (1)(b)(l): Ghemil Amministrattiv ultra vires ghaliex inhareg minn Awtorita pubblika li ma kellha l-ebda twettqu.

AIS issottomettiet li l-agir ta' SCH jaqa' taht izjed minn kappa wahda ta' ultra vires. Tghid li l-intimata agixxiet ultra vires ai termini tal-artikolu 469A(1)(b)(i) tal-Kap. 12 billi SCH ma kellhiex dritt kuntrattwali u lanqas kellha l-kompetenza jew poter illi titlob li ssir is-sospensjoni taghha qua entita guridika billi kienu biss il-monitors li jaqghu taht il-ligi taghha. SCH tirregola lilhom biss mhux lis-socjeta rikorrenti.

Illi skond l-awtur **Garner** "Adiministrative Law":

> A minister, a local authority and any public body may only validly exercise powers within the limits conferred on them. A decision may fall outside those powers and so be ultra vires because the body concerned has attempted to deal with a matter outside the range of power conferred on it - substantive ultra vires - or because it has failed, in reaching its decision, to follow a prescribed procedure - procedural ultra vires".

Jirrizulta mill-provi illi l-intimata agixxiet skond ma jiddisponi l-Kap. 445 dwar l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali u senjatament l-artikolu 7(1) li jipprovvdi li:

> Ikun hemm Sovrintendenza tal-Patrimonj Kulturali, taht ir-responsabbiltà u l-amministrazzjoni tas-Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali. Il-missjoni tas-Sovrintendenza tkun li twettaq id-dmirijiet tal-Istat dwar il-protezzjoni tal-patrimonju kulturali u l-accessibilità ghalih, kif imfisser f'dan l-Att.

Il-funzjonijiet taghha jinkludu:

> Skavi u esplorazzjonijiet arkeologici jew paleontologici fuq l-art, kif ukoll fl-ibhra territorjali jew fiz-zona kontigwa ta' Malta jistghu jsiru biss mis-Sovrintendent, jew bil- permess bil-miktub tas-Sovrintendent u skont kull kondizzjoni annessa mieghu (artikolu 43(1)).
>
> Is-Sovritendent ghandu jispezzjona l-post fejn tkun saret l-iskoperta matul dawk is-sitt ijiem tax-xoghol, u jista jordna' lil min ikun responsabbili li ma

jaghmilx iktar xoghol fuq il-post jew f'xi parti minnu billi jaghtih avviz biex jieqaf mix-xoghol (artikolu 43(3)).

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fil-5 ta' Novembru 2014 TM infurmat lil AIS illi b'effett immedjat hija kienet qed tissopendi il-kuntratt ghal zmien 30 gurnata u dana ghaliex, skond hi, AIS wettqet prima facie ksur kuntrattwali. Fil-11 ta' Novembru 2014 TM infurmat lil AIS illi SCH kienet harget direttiva sabiex la Marian Rosado u lanqas Edward Calleja (li ma kienx ghadu impjegat ma'AIS) ma' jkunu prezenti fuq is-sit.

Is-socjeta rikorrenti issostni li SCH ma setghetx tissospendi lill-kumpanija AIS bl-arkejologisti kollha li seta' kellha fuq il-kotba taghha, imma semmai sethget tissospendi biss lill-arkeologisti li, skond hi, kienu kisru l-kundizzjonijiet tal-licenzja jew it-Terms of Reference taghhom. SCH lanqas ma kellha dritt la ex contractu u lanqas ex lege li tissospendi lil kumpanija AIS minflok l-arkeologista wahda.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li kienet TM li kellha kuntrattwalment dritt u li fil-fatt issospendiet, fuq parir ta' SCH, lill-kumpanija AIS milli tkompli taghti s-servizz ta' monitoring ghal tletin gurnata sabiex jigu stabbiliti l-fatti. Ma kinitx SCH li ssospendiet lil AIS. SCH harget id-direttiva kontra l-esperti li kienu licenzjati minnha, imma li kienu wkoll impjegati ma' AIS.

Ghalkemm it-Terms of Reference johorgu fuq il-monitor, l-kumpanija li timpjegah ghandha r-responsabilitajiet taghha wkoll. Finalment ir-responsabilita taqa' fuqha bhala l-entita li giet mqabbda kuntrattwalment mill-kljent (TM) biex timpjega monitors halli jaghmlu l-archeological monitoring. F'dan il-kaz is-servizz ta' monitoring kellha tinghata mis-socjeta rikorrenti tramite l-monitors impjegati maghha. Wara kull individwu kien hemm il-kumpanija u ghalhekk AIS kellha tiggarantixxi l-monitoring kontinwu on site u kienet responsabbli mal-monitors biex ix-xoghol isir skont ir-regolamenti..

Fil-fehma tal-Qorti x-xilja taht dana s-subartikolu tal-Kap. 469A ma ghandhiex mis-sewwa.

Artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kap. 12: Ghemil amministrattiv ultra vires ghaliex SCH naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali fit-twettiq tal-eghmil amministrattiv taghha jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-eghmil.

Is-socjeta rikorrenti issostni li SCH agixxiet ultra vires ai termini tal-artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kap. 12 billi hija naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali fit-twettiq tal-eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet taghha meta hija ma infurmatx lil AIS dwar ir-raguni tad-direttiva li SCH tat lil TM biex hija u l-monitors taghha jigu sospizi.

AIS tispjega li hija mhijiex qed tippretendi illi hija kellha dritt li tinghata full hearing bid-dritt ta' rapprezentanza legali bhal ma wiehed jistenna quddiem Bord, Tribunal jew Qorti imma SCH kellha tinvolviha mhux biss f'okkazzjoni wahda meta intalbet taghti l-verzjoni taghha dwar l-incident in kwistjoni.

**Garner** Administrative Law, page 240:

> The audi alteram partem rule. In certain contexts, prior to a decision being taken in the exercise of statutory power which may adversely affect the interests of individuals, those individuals shall be alerted to the fact of, and the reasons for, the impending decision or action, and be permitted reasonable opportunity to make representations.

Illi meta gara l-incident in kwistjoni, TM issospendiet temporanjament lil AIS u SCH harget direttiva kontra l-monitors u SCH bdiet investigazzjoni biex tistabilixxi kif graw il-fatti u talbet lill-partijiet involuti, inkluz AIS biex jaghtu l-versjoni taghhom.

Fis-27 ta' Novembru 2014 (Dok. B a fol. 14) SCH kienet infurmat lil AIS bir-ragunijiet ghaliex kienet tat id-direttiva ta' sospensjoni u kienet kitbet fost affarijiet ohra, hekk:

> It follows from point 2 above, that road construction work was taking place while monitors were absent from the site; that the archaeological contents of the fougasse were removed in contravention of the Cultural Heritage Act and in the absence of a monitor; that throughout these unauthorised operations, the fougasse was damaged.
>
> We would like to have your written comments on the above by not later than Tuesday 2nd December 2014.

AIS wiegbet permezz ta' ittra datata 1 ta' Dicembru 2014 (fol. 133-134) fejn spjegat il-posizzjoni taghha u fejn qalet illi kieku Ms. Rosado giet approvata minn TM l-affarijiet kieku jkunu mod iehor.

Fil-fehma tal-Qorti AIS ma tistax tghid li SCH imxiet kontra l-principju ta' gustizzja naturali u tat id-direttiva minghajr ma AIS kellha l-opportunita li tikkontesta d-decizjoni u tiddefendi lilha nnifsha jew li ma gietx infurmata fuqhiex SCH kienet ibbazat ir-rakkomandazzjonijiet taghha. SCH tinsisti li r-raguni ghalhiex hija harget ir-rakkkomandazzjoni taghha kienet minhabba n-nuqqas fil-handing over tal-monitors da parti ta' AIS li kienet responsabbili ghal dawk il-monitors.

Ghalhekk anke taht dana is-subartikolu tal-Kap. 469A il-Qorti ssib li SCH ma naqsitx milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali fit-twettiq tal-eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet taghha billi AIS inghatat il-possibbilita li tiddefendi ruhha.

Artikolu 469A(1)(b)(iii) ghemil amministrattiv ultra vires ghaliex jikkostitwixxi abbuz tas-setgha tal-awtorita' pubblika billi dan sar ghal ghanijiet mhux xierqa u/jew kien imsejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti billi mhux biss AIS ma kellha l-ebda tort ghall-incident in kwistjoni izda wkoll ghaliex l-ebda arkeologu taghha ma kien responsabbili ghal tali incident.

AIS issostni li l-ghemil amministrattiv in kwistjoni huwa ultra vires ai termini tal-artikolu 469A(1)(b)(iii) tal-Kap. 12 billi dana sar ghal ghanijiet mhux xierqa u/jew kien imsejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti u dana billi la s-socjeta rikorrenti u l-ebda arkejologu taghha ma' kellu tort ghall-incident in kwistjoni. Tghid li SCH agixxiet irragjonevolment meta ssospendiet lil AIS u l-espert taghha minflok ma ddecidiet li TM u Edward Calleja kienu jahtu.

Jinghad li l-mala fede u l-irragonevolezza fil-kuntest tad-Dritt Amministrattiv evolvew fil-Common Law Ingliza bil-kuncetti ta' 'bad faith' u 'unreasonableness'. Hafna drabi dawn iz-zewg elementi jezistu flimkien u huwa difficli tifred wiehed mill-iehor ghaliex kemm 'bad faith' kif ukoll 'unreasonableness' jippresupponu element estranju introdott bhala l-bazi tad-decizjoni tal-entita amministrattiva. Fil-kawza **Associated**

**Provincial Picture Houses Ltd. v. Wednesbury Corporation** (1948) 1 KB 223 iz-zewg elementi gew ikkunsidrati bhala nterkambjabbli. Hemm gie ritenut li l-irragonevolezza trid tkun tali li 'no reasonable authority could ever have come to it'.

Dwar minn kien responsabbili ghal dak li gara l-partijiet involuti hadu posizzjonijiet differenti.

F'dan il-kaz SCH tikkontendi li hija kienet approvat lil Marian Rosado fid-29 ta' Ottubru 2014 u kien hemm nuqqas ta' monitoring bejn meta spicca Edward Calleja u meta Marian Rosado marret fuq is-sit fil-5 ta' Novembru. Dan wassal biex ix-xoghol ta' kostruzzjoni tkompla bir-rizultat li saret il-hsara fil-fougass meta l-post ma kienx qed jigi monitored. SCH ghalhekk irrakkomandat li AIS u l-monitors jigu sospizi sakemm il-kaz jigi investigat.

TM issostni li AIS kellha tinformaha bit-tibdil li xtaqet taghmel well in advance mill-24 ta' Ottubru meta pproponiet lil Rosado bhala l-monitor gdid u mhux thalli sa l-ahhar granet tat-terminazzjoni tal-impieg ta' Edward Calleja. Huma kienu ghadhom iridu jgibu l-approvazzjoni tad-Direttur tal-Kuntratti u ta' entitajiet ohra u dina l-procedura tiehu z-zmien u ma ssirx overnight. Ghal TM, Calleja kien ghadu l-monitor wara l-31 ta' Ottubru billi AIS kellha tistenna sakemm isir it-tibdil formali. TM issostni ukoll li l-kuntrattur responsabbili mill-kostruzzjoni messu waqaf mix-xoghol meta sar jaf bis-sejba.

AIS tishaq li Ms. Rosado kienet giet approvata minn SCH imma ma kinitx ghadha giet konfermata minn TM ghalhekk ix-xoghol ta' zvillup kellu jieqaf izda minflok ix-xoghlijiet baqghu ghaddejjin minkejja li TM giet infurmata bir-rizenja ta' Calleja. Huma kienu baghtu lil Rosado fuq is-sit minghajr obligazzjoni u kien biss f'dak l-istadju li ndunaw bis-sejba u sar ir-rapport. Fil-gurnata tas-sejba huma ma kellhomx monitor sostitut konfermat minn TM u lanqas ma kienu gew notifikati bil-clearing works li kienu saru.

Fil-fehma tal-Qorti meta AIS kienet spiccat minghajr il-monitor Edward Calleja u l-monitor il-gdida Mariann Rosado ma kinitx ghadha giet ikkonfermata minn TM, hija

messha avzat lil TM li kull xoghol ta' skavar mekkaniku kellu jieqaf fl-assenza ta' monitor approvat da parti taghhom. AIS setghet ukoll ipprovat izzomm lil monitor precedenti sakemm Ms. Rosado tigi formalment ikkonfermata. AIS pero ma hadet ebda wiehed minn dawn il-passi. Ma jfissirx li ghax Edward Calleja kien irrezenja minn mal-kumpanijia, AIS ma baqatx marbuta bil-kuntratt li tkompli tipprovdi l-monitoring jew li ma kinitx responsabbli sakemm jigi approvat espert iehor. Is-sovritendenza sadanittant baqghet fl-ghama u ma kinitx taf li x-xoghol tkompla minghajr moniteragg.

Minn Settembru 2014 sa Ottubru 2014 AIS kienet fi trattativi ma' Edward Calleja dwar ir-rizenja tieghu minn mal-kumpanija ghalhekk hija l-informazzjoni disponibili li Edward Calleja kien se jitlaq fl-ahhar ta' Ottubru. Ghalhekk kien hemm zmien bizzejjed biex AIS tindirizza din il-kwistjoni tar-replacement ta' Edward Calleja u mhux thalli sal ahhar ta' Ottubru biex tavza li SCH u TM bit-talba ghas-sostituzzjoni tal-monitor. TM kellha tikkuntattja lid-Direttur tal-Kuntratt wara id 29 ta' Ottubru bil-bidla mitluba u biex Rosado tigi kkonfermata u din il-procedura ma ssirx minn lejl ghan-nhar. TM tghid li hija ma seghetx tapprova t-tibdil mitlub qabel ma d-Dipartiment tal-Kuntratti japprova dak it-tibdil. Fil-frattemp sfortunatament saret il-hsara fil-fougasse meta Rosado ma kinitx ghadha giet ikkonfermata minn TM, ghalkemm kienet diga approvata minn SCH.

Il-kumpanija AIS kienet taf li kellha l-kuntratt tas-servizz tal-monitoring u r-responsabilita' taghha ma kinitx tieqaf wara li Edward Calleja ma baqax impjegat maghha. AIS ma kelliex thalli skopert is-sit ghal jumejn jew aktar minghajr monitor. Hi tikkonferma dana fl-ittra taghha tal-1 ta' Dicembru 2014 (Dok. NC3 a fol. 215) fejn tikteb li hija kienet marbuta to ensure service contintuity and to ensure the presence of an expert on the ground. AIS hadet sogru meta halliet ix-xoghol jibqa' ghaddej minghajr ma tat avviz lill-hadd li ma kienx se tkun f'posizjoni li tipprovvdi monitoring wara l-ahhar Ottubru 2014. SCH ma tidholx fil-kwistjoni dwar kif issir il-handover tal-monitoring billi din kienet kwistjoni koperta bil-kuntratt bejn TM u AIS u r-responsabbiltajiet bejniethom hi inter alios acta d-drittijiet u obbligi ta' SCH.

Il-monitoring lanqas ma seta jieqaf jekk mhux bil permess tal-MEPA u jidher li lanqas il-MEPA ma kienet giet infurmata li se jkun hemm dan il-waqfien fil-monitoring u kien ghalhekk li ma haditx passi.

Il-Qorti tista' tasal biex taqbel li TM messha waqqfet ix-xoghol jekk kienet taf li ma kienx hemm monitor gdid ikkonfermat minnha izda dana ma jnaqqas xejn mir-responsabilita  ta' AIS li kienet marbuta bil-kuntratt li tipprovdi servizz kontinwu tal-monitoring u jekk ma kinitx ser tkun f'posizzjoni li taghmel hekk kellha tiehu l-mizuri alternattivi necessarji kif fuq spjegat.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti meta SCH irrakkomandat lil TM li AIS tigi sospiza hija ma ghamlitx hekk minhabba ghanijiet mhux xierqa u/jew imsejjsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti imma kellha ragunijiet validi billi sabet li kien hemm kontravenzjoni tal-Kap. 445 da parti tas-socejta rikorrenti.

Finalment AIS tikkontendi li SCH agixxiet b'mala fede billi ftit taz-zmien wara li Edward Calleja telaq mis-socjeta rikorrenti, huwa, tramite il-kumpanija ECA Consultants Ltd, gie ingaggjat mill-gdid minn TM bl-approvazzjoi ta' SCH bhala monitor fuq l-istess progett minkejja li qabel kien gie sospiz.

Is-Sovritendenza tichad li hija agixxiet in mala fede jew lill hinn mill-poteri taghha imma tinsisti li mxiet skond il-ligi Kap. 445.

Mill-provi jirrizulta li wara li nqalghet il-kwistjoni tas-sejba u l-hsara fil-fougasse kienu gew appuntati interim monitors biex ix-xoghol fuq il-Coast Road ma jieqafx. Imbaghad meta dawn il-monitors ma setghux ikomplu bhala monitors temporanji, TM bdiet tiddiskuti l-eventwalita' li jerga jidhol fil-progett Calleja minhabba l-esperjenza tieghu u nuqqas ta' esperti f'dana s-settur. F'Jannar 2015 TM iddecidiet li tqabbad lil Edward Calleja bhala monitor permanenti biex ikompli s-servizz tal-monitoring u baqa'  hemm sakemm spicca l-progett. Calleja xehed li hu ma kien ippowcja lill hadd u li kienet TM li avvicinatu u hu kien qalilhom li ma setghax jaccetta ghax kien sospiz imbaghad ikkonfermawlu li hu kien gie kklirjat fl-investigazzjoni li saret (hu kien gia irrezenja minn ma' AIS meta saret il-hsara) u li AIS kienu sospizi mill-progett.

Ghalhekk hu kien accetta l-offerta ghax ma kien qed jiehu xejn lil hadd. Hu kien rega dahal ma' TM b'kuntratt on a monthly basis li kien jigi rinnovat kull xahar. Meta kien offert ix-xoghol fil-5 ta' Novembru (ara fol. 218) din l-offerta kienet giet irtirata immedjatament ghax hu kien ghadu that investigazzjoni. Illi dak li sostnew TM u Calleja li ma kien hemm availability ta' monitors ma gietx kontradetta.

Fil-fehma tal-Qorti ma giex pruvat li SCH imxiet b'mala fidi meta hija approvat li TM biex terga' tqabbad lil Edward Calleja biex ikompli l-monitoring tal-progett, kif ghax AIS kienu sospizi kif ukoll ghax ma kienx hemm ghazla u Calleja kien wiehed mill-esperti fil-lista ta' SCH.

AIS ipproponijiet diversi kawzi fuq dana l-incident u dana kontra SCH, TM u Edward Calleja. Imma dina l-kawza tikkoncerna biss lill-SCH, u ghalhekk independentement jekk kienx hemm hija da parti ta' xi persuni ohra, fil-fehma tal-Qorti t-talbiet kontra SCH f'dina l-kawza ma jirrizultawx ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Kwantu ghat-talba biex SCH tinsab responsabbili ghad-danni ai termini tal-Artikolu 469A(5) tal-Kap 12 mhux il-kaz li l-Qorti tilliwida danni ghax SCH ma aggixxitiex ultra vires jew b'mala fede.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi fil-waqt li ma tqis aktar l-ewwel eccezzjoni billi giet irtirata, tichad it-tieni, it-tielet u r-raba' eccezzjonjiet preliminari, pero fil-mertu tqis li t-talbiet tas-socjeta rikorrenti ma jirrizultawx fil-konfront tas-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali u qed tichadhom, bl-ispejjez kontra taghha.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur